MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 24/2006/1

**Edward Pavia**

**v.**

**Austin Camilleri**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li l-atturipprezenta fl-10 ta' Jannar, 2006 u li jaqra hekk:

"Peress illi fit-30 ta' Novembru, 1999, il-kontendenti dahlu fi ftehim, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u immarkata bhala Dok. A, permezz ta' liema, l-attur, ghan-nom tas-socjeta` EMA Limited (C10577) xtara u akkwista minghand il-konvenut u l-Avukat Dottor Siegfried Borg Cole l-ishma tas-socjeta` GC&A Company Limited (C1873), ghal liema ishma l-attur hallas is-somma ta' tnejn u ghoxrin elf Lira Maltin (LM22,000) mal-iffirmar tal-imsemmi ftehim;.

"Peress illi s-socjeta` GC&A Limited, fid-data tat-trasferiment tal-ishma, kienet debitrici ta' diversi kumpaniji;

"Peress illi l-attur, ghan-nom tal-kumpanija EMA Limited, mal-iffirmar tal-ftehim imsemmi hallas lill-konvenut is-somma ta' erbat elef Lira Maltin (LM4,000) sabiex il-konvenut jghaddihom xi kredituri tal-kumpanija GC&A Limited akkont tal-hlas dovut lilha mill-kumpanija GC&A Limited;

"Peress illi l-attur, minbarra s-somma ta' erbat elef Lira Maltin imsemmija, kien regolarment jghaddi lill-konvenut pagamenti sabiex jghaddihom lill-kredituri tal-kumpanija GC&A Limited;

"Peress illi rrizulta illi l-konvenut seta' kien responsabbli personalment ghall-ammonti dovuti mill-kumpanija lil terzi krdituri u ghalhekk sabiex jissalvagwardja l-interessi tieghu f'kaz illi l-ammonti ma jigux saldati mill-kumpanija, l-attur f'ismu proprju ffirma kambjala a favur il-konvenut fis-somma ta' tletin elf Lira Maltin (LM30,000);

"Peress illi l-kambjala imsemmija giet iddepozitata mal-Avukat Dottor Siegfried Borg Cole u dan sabiex tigi rrilaxxata biss f'kaz ta' inadempjenza da parti tal-kumpanija illi thallas l-ammonti msemmija u l-kredituri jduru kontra l-konvenut f'ismu proprju;

“Peress illi din l-eventwalita` qatt ma sehhet proprju ghax l-attur kien qieghed ihallas regolarment lill-kredituri tramite l-konvenut u ghaldaqstant l-Avukat Borg Cole qatt ma rrilaxxa l-kambjala;

“Peress illi in ogni kaz, il-kredituri tal-kumpanija qatt ma dahru fuq il-konvenut ghall-ammonti lilhom dovuti;

“Peress illi nonostante dan, il-konvenut, b’ingann u b;mod vjolenti, illegali u abbuziv, u in ogni kaz ad insaputa u minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Avukat Borg Cole ha fil-pussess tieghu l-kambjala u fit-18 ta’ Ottubru, 200, il-konvenut ipprezenta ittra ufficjali quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili sabiex irendi l-kambjala ezegwibbli u dan skont il-procedura kkontemplata f’Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, kopja tal-ittra ufficjali qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B;

“Peress illi ghalhekk il-konvenut kiseb titolu ezekuttiv b’ingann u b’mod vjolenti u ghaldaqstant b’mod abbuziv u illegali, u ghaldaqstant kellhom jittiehdu l-passi kriminali relattivi kontra l-konvenut;

“Peress illi, fuq talba tal-konvenut, il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ordnat il-hrug tal-mandat ta’ qbid (Nru: 412/05) kontra Edward Pavia, liema mandat gie ezegwit, kopja ta’ liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. C;

“Peress illi ghalhekk l-attur kellu jintavola l-proceduri odjerni;

“Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti, previa kull dikjarazzjoni mehtiega u necessarja, m’ghandhiex:

“(1) Tiddikjara illi l-kambjala, kopja ta’ liema tinsab annessa ma’ Dok. B, qatt ma giet irrilaxxat a favur tal-konvenut, b’dan illi din il-kambjala giet fil-pussess tal-konvenut b’ingann u bi vjolenza u ghaldaqstant b’mod illecitu u illegali;

“(2) tiddikjara ghaldaqstant illi l-konvenut ottjhena titolu ezekuttiv b’mod illecitu u illegali;

“(3) tirrevoka u thassar l-imsemmi titolu ezekuttiv;

“(4) minghajr pregudizzju ghas-suespost, tordna lill-konvenut, sabiex fi zmien perentorju minnha prefiss, jirtira kull proceduri kontra l-attur illi gew intavolati minnu a bazi tal-imsemmi titolu ezekuttiv fosthom il-mandat ta’ qbid fl-ismijiet Austin Camilleri v. Edward Pavia bin-Numru 415/05;

“Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta’ qbid bin-Numru 415/05 kontra l-konvenut minn issa ingunti in subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa:

“1. Illi in linea preliminari l-azzjoni attrici hija dezerta a tenur tal-Artikolu 963 *et sequitur* tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta’ Malta;

“2. Illi wkoll preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija nulla u irritwali, peress illi din tista’ biss issir permezz tal-procedura kontemplata fil-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta’ Malta;

“3. Illi wkoll preliminarjament, u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni u t-talbiet attrici huma nulli u irritwali, peress illi ma sarux skont il-procedura kontemplata mill-Artikolu 283A tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta’ Malta;

“4. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, il-mertu tal-azzjoni odjerna jikkostitwixxi *res iudicata* fil-konfront tal-kontendenti, u dan stante sentenza definittiva li nghatat mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili ghar-rikors bin-numru 571/2005 fl-ismijiet **Austin Camilleri v. Edward Pavia** fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ April 2006;

“5. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suepost, il-kuntratt datat tletin (30) ta’ Novembru 1999, citat u exebit mill-attur, gie sussegwentement mhassar, rexxiss u kancellat mill-kontendenti permezz ta’ ftehim datat sebgha (7) ta’ Mejju 2002;

“6. Illi l-attur naqas milli jadempixxi l-obbligi tieghu kif assunti minnu permezz tal-ftehim datat sebgha (7) ta’ Mejju 2002, bil-konsegwenzi kollha li tali morozita` kellha ggib maghha skont l-istess ftehim;

“7. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija nsostenibbli stante li l-kawzali mill-attur citati m’humiex ammessi ghall-impunjazzjoni ta’ kambjala u l-effetti legali taghha;

“8. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, il-kambjala mertu ta’ din il-kawza hija prova cara u inekwivoka li l-attur huwa debitur tal-esponent;

“9. Illi minghajr ebda prgudizzju ghas-suespost, il-kambjala *de quo* fiha nnifisha tikkostitwixxi obbligazzjoni awtonoma u indipendenti, succettibbli biss ghal difetti formali li fil-kaz odjern huma inezistenti;

“10. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet kontenuti fic-citazzjoni odjerna huma inveritieri, inverosimili u foloz, u l-prova tal-kuntrarju tinkombi fuq l-attur;

“11. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 3545/2004 u tal-mandat ta’ qbid bin-numru 415/2005, kontra l-attur, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.”

Rat li l-ewwel Qorti preliminarjament halliet il-kawza ghas-sentenza fuq l-ewwel erba' eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut, cioe`, dawk tad-dezerzjoni taht l-Artikolu 963 et seqq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), tan-nullita` tal-procedura ghax ma saretx ai termini tal-Artikolu 253 (e) tal-istess Kap. 12, tan-nullita` tal-procedura wkoll ghax ma saretx kif mahsub fl-Artikolu 283A tal-istess Kap. 12, u ghax ghal din il-kawza josta l-gudikat;

Rat li l-Prim' Awla tal-Qorti Civili b'sentenza tal-5 ta' Gunju, 2009, cahdet l-imsemmija erba' eccezzjonijiet, u ordnat it-tkomplija tas-smiegh tal-kawza; bl-ispejjez ta' dan l-episodju jhallashom il-konvenut;

Dik il-Qorti tat din is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:
>
> "1. l-azzjoni hija deżerta taħt l-artt. 963 *et seqq*. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;
>
> "2. l-azzjoni ma saritx sew, u ma tiswiex, għax setgħet issir biss taħt il-proċedura li jaħseb għaliha l-art. 253(*e*), *proviso*, tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

"3. it-talbiet ukoll ma jiswewx għax ma sarux kif trid il-proċedura li jaħseb għaliha l-art. 283A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

"4. il-meritu tal-kawża huwa magħluq b'deċiżjoni li ngħatat minn din il-qorti fis-27 t'April 2006 fil-kawża fl-ismijiet <u>Austin Camilleri *versus* Edward Pavia</u> (rikors numru 571/2005) li saret *res iudicata*.

Din is-sentenza tallum hija dwar dawn l-eċċezzjonijiet.

<u>Dwar l-eċċezzjoni ta' deżerzjoni</u>

L-eċċezzjoni ta' deżerzjoni saret taħt l-artt. 963 *et seqq*. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li, fil-partijiet relevanti tagħhom, igħidu hekk:

"**963.** (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 416 u 420, il-proċedura bil-miktub, f'kull kawża, għandha tiġi magħluqa, fil-qorti ta' l-ewwel grad, fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur … … …

(2) Fil-qorti ta' l-ewwel grad, iż-żmien jibda għaddej minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors ġuramentat … … …

… … …

"(5) … … … kawża, li l-proċeduri bil-miktub tagħha ma jiġux magħluqa fiż-żmien hawn fuq imsemmi:

(*a*) meta l-kawża tkun quddiem qorti ta' l-ewwel grad, din għandha titqies bħala kawża li tkun tqiegħdet fuq il-lista ta' kawżi għas-smigħ u li sussegwentement b'ordni tal-qorti, tkun tħalliet għal data mhux speċifikata, u d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 964 sa 967 għandhom ikunu japplikaw għaliha.

… … …

"**964.** (1) Kull kawża li jkun hemm f'qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili li, wara li tkun ġiet imressqa għas-smigħ, tiġi, b'ordni tal-qorti, differita *sine die* jew xort'oħra sospiża għandha titqies bħala deżerta sakemm ma tiġix appuntata mill-ġdid mill-qorti fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur minn meta tkun hekk ġiet differita jew sospiża jew ikun ġie ppreżentat fil-qorti rikors, f'dak il-perjodu, biex tiġi appuntata mill-ġdid.

… … …

"**967.** Id-deżerzjoni, taħt l-artikoli 963 u 964, titqies li ġrat fil-jum li fih jagħlaq iż-żmien stabbilit f 'dawk l-artikoli … … …

"Fil-każ tallum ir-rikors maħluf kien preżentat fl-10 ta' Jannar 2006 u notifikat lill-konvenut fis-6 t'Awissu 2008; il-konvenut wieġeb fl-20 t'Awissu 2008 u għalhekk il-proċeduri bil-miktub ingħalqu dakinhar. Imbagħad, b'dikriet tad-29 ta' Settembru 2008 il-kawża tqiegħdet fuq il-lista tas-26 ta' Novembru 2008 biex tinstema'.

"Billi l-proċeduri bil-miktub ma kinux ingħalqu sal-10 ta' Lulju 2006 – fi żmien sitt xhur mill-preżentata tar-rikors maħluf – il-kawża kellha dakinhar titqies bħallikieku kawża li, wara li tqiegħdet fuq il-lista għas-smigħ, tħalliet *sine die*, u għalhekk kellha titqies deżerta sakemm ma tkunx appuntata għas-smigħ, jew ma jkunx sar rikors għalhekk, fi żmien sitt xhur, *i.e.* sal-10 ta' Jannar 2007. Billi dan ma sarx il-kawża kellha titqies deżerta fl-10 ta' Jannar 2007.

"Fis-26 ta' Ġunju 2007, iżda, daħal fis-seħħ l-Att VIII tal-2007 u l-art. 29 ta' dak l-Att daħħal sub-artikolu ġdid – is-sub-artikolu (3) – fl-art. 963 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan is-sub-artikolu ġdid igħid hekk:

"**963.** (3) Jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża m'humiex magħluqa, il-qorti għandha għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità.

"Id-dispożizzjonijiet transitorji tal-Att VIII tal-2007 igħidu hekk:

"**31.** Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli … … … 963 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kif emendati bl-artikoli … … … 29 ta' dan l-Att, għandhom japplikaw għall-kawżi kollha li jkunu għadhom pendenti u li ma jkunux ġew dikjarati deżerti … … … fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' l-imsemmijin artikoli … … … 29 ta' dan l-Att li jemendaw l-imsemmijin artikoli … … … 963 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

"Is-sub-artikolu ġdid, art. 963(3), għalhekk igħodd ukoll għall-kawża tallum għax sallum ma saret ebda dikjarazzjoni ta' deżerzjoni tal-kawża.

"Billi l-ordnijiet li kellha tagħti l-qorti skond l-art. 963(3) ma ngħatawx, ma sarx dak kollu li trid il-liġi biex kawża titqies deżerta.

"Għal din ir-raġuni l-kawża ma tistax titqies deżerta, u l-eċċezzjoni relativa hija għalhekk miċħuda.

"Dwar l-eċċezzjoni illi l-kawża ma saritx taħt l-art. 253(*e*), *proviso*, tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

"It-tieni eċċezzjoni tgħid illi l-azzjoni ma saritx sew għax ma saritx kif igħid il-*proviso* għall-art. 253(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

"**253.** Huma titoli esekuttivi:

"(*e*) kambjali u promissory notes maħruġa skond il-Kodiċi tal-Kummerċ:

"B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skond il-valur tal-kambjala jew *promissory note* tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika ta' l-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew *promissory note* esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew *promissory note* tkun trid tipproċedi b'kawża skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

“Din l-eċċezzjoni tkun tajba jekk fl-azzjoni tallum l-attur qiegħed ifittex li jissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala għax il-firma fuq il-kambjala ma hijiex tiegħu (li ma huwiex il-każ) jew għal “raġunijiet oħra gravi u validi”. Dwar x’inhuma dawn ir-raġunijiet gravi u validi, din il-qorti f’sentenza mogħtija fis-7 ta’ Frar 2008 *in re* Gaffarena Holdings Limited versus Seaborg Co. Limited (rikors numru 644/2007) kienet qalet hekk:

il-qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu usa’ mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi specjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-lum, il-qorti tistħarreġ il-mertu ta’ xi kwestjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f’kawża li titressaq speċifikatament għal dan il-għan. Kulma trid il-liġi f’din il-proċedura hu li l-qorti tara jekk hemmx raġunjiet serji biżżejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew tal-*promissory note* li tkun.

“Fil-proċeduri taħt l-art. 253(*e*), *proviso*, il-qorti ma tagħtix deċiżjoni finali dwar jekk il-kambjala tiswiex; tara biss jekk hemmx raġunijiet biżżejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni tagħha. Dan li qiegħed ifittex l-attur, iżda, hija deċiżjoni finali dwar jekk il-kambjala tiswiex bħala titolu esekuttiv, u din id-deċiżjoni ma tistax tingħata fi proċeduri taħt dik id-dispożizzjoni tal-liġi.

“L-eċċezzjoni, għalhekk, ma hijex tajba u hija miċħuda.

“Dwar l-eċċezzjoni illi l-kawża ma saritx taħt l-art. 283A tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

“It-tielet eċċezzjoni tgħid illi l-azzjoni saret ħażin għax ma saritx taħt dak li, fiż-żmien relevanti, kien l-art. 283A[1] tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li fil-parti relevanti tiegħu kien igħid hekk:

“**283A.** (1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, min jinħareġ kontrih att esekuttiv jista’ jagħmel rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn jitlob li l-att esekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f’parti minnu biss, għal raġuni valida skond il-liġi.

[1] Illum sostitwit bl-art. 281.

"Taħt din id-dispożizzjoni l-attur seta' biss jitlob it-tħassir tal-att esekuttiv, *i.e.* tal-mandat ta' qbid, u mhux ukoll tat-titolu – il-kambjala – li bis-saħħa tiegħu nkiseb il-ħruġ tal-att esekuttiv. Billi iżda l-attur qiegħed jitlob it-tħassir mhux biss tal-att esekuttiv iżda wkoll tat-titolu esekuttiv, l-azzjoni ma setax għamilha taħt l-art. 283A.

"Din l-eċċezzjoni hija għalhekk ħażina u hija miċħuda.

"<u>Dwar l-eċċezzjoni illi l-meritu huwa magħluq b'*res iudicata*</u>

"Ir-raba' eċċezzjoni tgħid illi l-meritu tal-proċeduri tallum huwa magħluq b'deċiżjoni li saret *res iudicata*. Id-deċiżjoni hija dik li ngħatat minn din il-qorti fis-27 t'April 2006 fil-kawża fl-ismijiet <u>Austin Camilleri *versus* Edward Pavia</u> (rikors numru 571/2005).

"Dik id-deċiżjoni kienet ingħatat wara rikors tal-attur tallum magħmul taħt dak li fiż-żmien relevanti kien l-art. 283A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili b'talba biex il-qorti tħassar mandat esekuttiv maħruġ kontra l-attur fuq talba tal-konvenut bis-saħħa tal-kambjala li dwarha saret il-kawża tallum.

"Jidher ċar mill-ewwel illi l-meritu fil-kawża tallum huwa differenti minn dak tal-proċeduri mibdija bir-rikors numru 571/2005. Fid-deċiżjoni tas-27 t'April 2006 il-qorti iddeċidiet biss illi ma kienx hemm raġuni għala tħassar il-mandat esekuttiv, u ma iddeċidietx – għax ma kinitx mitluba tagħmel hekk u ma setgħetx tiddeċiedi *extra petita* – dwar jekk il-kambjala tiswiex je le bħala titolu esekuttiv.

"L-eċċezzjoni ta' *res iudicata* għalhekk hija ħażina u hija miċħuda."

Rat is-sentenza fil-meritu li tat l-istess Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Novembru, 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza:

“1. billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet tal-attur: tgħid illi l-konvenut inqeda bil-kambjala tat-23 t’April 2003 kontra l-ftehim bejn il-partijiet u li għalhekk kiseb titolu esekuttiv bis-saħħa ta’ dik il-kambjala bi ksur tal-ftehim; għalhekk tħassar il-mandat ta’ qbid numru 412/2005 miksub bis-saħħa tal-kambjala u tordna lill-konvenut sabiex, fi żmien ġimgħa minn meta din iss-entenza ssir finali, iwaqqaf kull proċedura kontra l-attur li nbdiet bis-saħħa tat-titolu esekuttiv fuq imsemmi.

“2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż ġudizzjarji kollha.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“9. Il-konvenut ressaq erba’ eċċezzjonijiet preliminari li ġew miċħuda b’sentenza mogħtija minn din il-qorti fil-5 ta’ Ġunju 2009, u ressaq ukoll dawn l-eċċezzjonijiet fil-meritu:

“i. il-kuntratt tat-30 ta’ Novembru 1999, imsemmi fiċ-ċitazzjoni, ġie mħassar mill-partijiet bi ftehim li sar wara, fis-7 ta’ Mejju 2002;

“ii l-attur naqas milli jwettaq l-obbligazzjonijiet li bihom intrabat fil-ftehim tas-7 ta’ Mejju 2002, bil-konsegwenzi kollha li dak in-nuqqas iġib miegħu skond il-ftehim;

“iii. it-talbiet tal-attur ma jistgħux jintlaqgħu għax ir-raġunijiet li fuqhom jistrieħ l-attur ma jwasslux għall-impunjazzjoni ta’ kambjala u tal-effetti legali tagħha;

“iv. il-kambjala hija “prova ċara u inekwivoka” li l-attur huwa debitur tal-konvenut;

"v. il-kambjala "fiha nfisha tikkostitwixxi obbligazzjoni awtonoma u indipendenti, suxxettibbli biss għal difetti formali li fil-każ odjern huma ineżistenti";

"vi. dak li jingħad fiċ-ċitazzjoni ma għandux mis-sewwa, u l-prova tal-kuntrarju tmiss lill-attur; u

"vii. it-talbiet tal-attur huma "infondati fil-fatt u fid-dritt".

"10. Il-fatti relevanti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk: B'kitba privata tat-30 ta' Novembru 1999 il-konvenut Camilleri bigħ lil soċjetà tal-attur Pavia l-ishma kollha li kellu fis-soċjetà *GC&A Company Limited* ["il-Kumpannija"] bil-prezz ta' tnejn u għoxrin elf lira (Lm22,000) – daqs wieħed u ħamsin elf, mitejn u sitta u erbgħin euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€51,246.21) – li kien ġà tħallas qabel dakinhar tal-ftehim. Fil-kitba jissemmew id-djun li l-Kumpannija kellha tagħti lil terzi, u l-partijiet ftiehmu wkoll illi:

> "All debts owed by the company shall be settled by the purchaser within six months from today; in the event that there shall remain any debts owing by the company or that shall appear in the future, even after the transfer of the shares, the said debts shall remain the sole responsibility of the purchaser."

"11. Fis-7 ta' Mejju 2002 il-partijiet daħlu fi ftehim ieħor li bis-saħħa tiegħu l-konvenut reġa' ntrabat li jbigħ l-ishma kollha tiegħu fil-Kumpannija, din id-darba lill-attur *proprio*, b'dan illi l-prezz ġà mħallas mill-attur kellu jiżdied hekk:

> "a further consideration for the transfer shall be that the purchaser shall substitute the vendor for any personal responsibilities and guarantees for the company … … …"

"12. Il-partijiet komplew jiftiehmu hekk:

> "The vendor is presently signing a share transfer form initiating irrevocably the process of the said share transfer. The said share transfer form duly signed by the vendor shall be held in trust by Doctor of Laws Siegfried Borg Cole until the vendor is released from all personal responsibilities and guarantees with the company for the debts of the company. The purchaser undertakes and binds himself to negotiate with the creditors of the company the release from all responsibility and guarantees that burden the vendor personally today for the company. The purchaser undertakes to settle personally all liabilities

that burden the company within one year from today in the event that the vendor is not released. The purchaser shall indemnify the vendor for any dues that the latter may settle in the future for the company.

"The transfer of shares shall be finalized in favour of the purchaser or a person indicated by the purchaser when the vendor is released from all responsibilities or guarantees for the debts of the Company. In the event that the purchaser shall not fulfill this obligation, as better described in the preceding paragraph, within one year from today, Dr Borg Cole shall hand over the share transfer document to the vendor, who shall no longer be bound to transfer the shares in favor of the purchaser. The purchaser shall have no right to compensation from the vendor and the company."

"13. It-trasferiment tal-ishma sar qabel ma tħallsu d-djun u għalhekk, biex jagħmel tajjeb fil-każ li jonqos li jħallas id-djun lil terzi kif intrabat li jagħmel, l-attur fit-23 ta' April 2003 aċċetta kambjala maħruġa fuqu mill-konvenut għal tletin elf lira (Lm30,000) – daqs disgħa u sittin elf, tmien mija u wieħed u tmenin euro u għoxrin ċenteżmu (€69,881.20) – pagabbli lill-konvenut stess fil-31 ta' Awissu 2004.

"14. Dwar kif inħarġet din il-kambjala xehed l-Avukat Siegfried Borg Cole. Qal illi d-dejn tal-Kumpannija li kien marbut li jagħmel tajjeb għalih il-konvenut u li, fil-ftehim bejn il-partijiet, intrabat li ħallas l-attur kien għal sitta u għoxrin elf lira (Lm26,000) – daqs sittin elf, ħames mija u tlieta u sittin euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€60,563.71) – pagabbli lill-familja Bezzina. Kompla jixhed hekk:

"Din il-*liability* Edward Pavia kien għadu ma approwċjax mal-familja Bezzina biex jara kif jirranġa magħhom u peress li Austin Camilleri kellu *general hypothec* kontra tiegħu personali allura *I wanted to make sure* li Edward Pavia *does not shy away from his responsibility* u japprowċja lil Bezzina u jissetiljah biex Austin Camilleri jiġi liberat minn din l-ipoteka. Allura la x-*share transfer* kien se jsir u effettivament għamilna *share transfer*, għidtilhom l-ewwel ħaġa li nagħmlu huwa niġġenera kambjala jien u l-figura ikkrejajta jien ta' Lm30,000, u nispjega ruħi għaliex Lm30,000: għax il-*liability* kienet Lm26,000, naf li Bezzina kien se jaċċetta inqas però kien hemm element ta' mgħaxijiet. Allura *in grosso modo* jiġifieri Lm30,000 lanqas kienet figura reali; hija figura fittizja li iġġenerajt jien biex nagħmel *pressure* fuq Edward Pavia halli Edward Pavia jagħmel id-dover tieghu u jikkanċella l-*liability* ta' Bezzina."[2]

"15. L-Avukat Borg Cole kompla jfisser illi din il-kambjala kellu jżommha hu, u jitlaqha minn idejh meta deherlu hu:

2 Xiehda tal-Avukat Siegfried Borg Cole fis-seduta tal-4 ta' Frar 2010, *fol*. 177.

> "Id-diskrezzjoni kienet assolutament tiegħi. Jien ma kelli qatt intenzjoni li nagħtiha lil Austin Camilleri għax lil Austin Camilleri it-Lm30,000 żgur ma kinux dovuti."[3]

"16. Ġara iżda illi l-kambjala kontra r-rieda tal-Avukat Borg Cole ġiet f'idejn il-konvenut li, bis-saħħa tagħha, kiseb il-ħruġ ta' mandat esekuttiv kontra l-attur bil-proeċdura taħt l-art. 253(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

"17. Dwar kif inkisbet il-kambjala mill-konvenut, xehed Victor Caruana. Dan kien kreditur tal-konvenut, u l-konvenut, biex iserraħlu rasu li kellu mnejn iħallsu, kien qallu li kellu kambjala għal tletin elf lira (Lm30,000) favur tiegħu u li din il-kambjala kienet f'idejn l-avukat, iżda kellu mod kif iġibha:

> "[Il-konvenut] kien qalli … … … "Għandi żewġ metodi kif inġibhielek: jew insib is- segretarja ma tkunx hemm u noħodha mill-*file* jew inkella nitlobha lis-segretarja, nagħmel *photocopy* tagħha, mbaghad flok nagħtiha l-oriġinal nagħtiha l-kopja".[4]

"18. Xehdet ukoll is-segretarja tal-Avukat Borg Cole u qalet illi l-konvenut kien bniedem fdat fl-uffiċċju u ġieli ngħata f'idejh il-*file* li fih kienet tinżamm il-kambjala[5].

"19. Xehed ukoll il-konvenut u qal illi l-kambjala ġiet f'idejh dakinhar stess li nħarġet, għax saru kopji biex l-oriġinal iżommha l-avukat u tingħata kopja lil kull waħda mill-partijiet, iżda bi żball l-avukat żamm il-kopja u l-konvenut ingħata l-oriġinal.

"20. Il-kwistjoni issa hi jekk il-kambjala ġietx f'idejn il-konvenut regolarment jew irregolarment u, f'dan l-aħħar każ, jekk il-konvenut setax jinqeda bil-kambjala li ġiet f'idejh irregolarment biex bis-saħħa tagħha jikseb il-ħruġ ta' mandat esekuttiv.

"21. Għandu jingħad mill-ewwel illi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut hawn miġjuba bin-numri iii. iv u v[6] – kollha mibnija b'xi mod jew ieħor fuq in-natura awtonoma tal-obbligazzjoni inkorporata fil-kambjala – ma għandhom ebda

---

3 *Ibid*. *fol*. 179.

4 Xiehda ta' Victor Caruana fis-seduta tal-4 ta' Frar 2010, *foll*. 210 *et seq*.

5 Ara x-xiehda ta' Nancy Buttigieg fis-seduta tal-4 ta' Frar 2010, *fol*. 204.

6 Para. 0, p. 1, *supra*.

relevanza għall-kawża tallum u huma miċħuda. L-obbligazzjoni kambjarja tikseb l-awtonomija tagħha meta tiġi ġirata f'idejn terzi; fi kwistjonijiet bejn dawk li kienu parti fir-relazzjoni kuntrattwali li wasslet għall-ħruġ tal-kambjala, l-obbligazzjoni kambjarja ma tinqatax mir-relazzjoni kuntrattwali. Fil-każ tallum il-kambjala għadha fil-fażi "kuntrattwali", mhux dik "kambjarja", u għalhekk jistgħu jsiru eċċezzjonijiet personali għall-partijiet, kif igħid l-art. 198 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

"22. Lanqas ma hija ta' relevanza l-eċċezzjoni murija bin-numru i, għax il-kambjala ma nħarġitx bis-saħħa tal-ftehim tat-30 ta' Novembru 1999 iżda bis-saħħa ta' ftehim verbali bejn l-Avukat Borg Cole bħala depożitarju u l-partijiet.

"23. Ukoll ma hijiex ta' relevanza l-eċċezzjoni murija bin-numru ii għax il-premessa tal-attur li fuqha jibni t-talbiet tiegħu ma hijiex illi hu wettaq l-obbligazzjonijet kuntrattwali tiegħu u għalhekk il-kambjala ma kellhiex tissarraf, iżda illi l-kambjala ma kellhiex tissarraf għax il-ftehim kien illi kellha tinżamm f'idejn l-Avukat Borg Cole sakemm jidhirlu l-istess avukat, u mhux tiġi f'idejn il-konvenut biex dan jinqeda biha.

"24. Fil-fehma tal-qorti, kien x'kien il-mod kif il-kambjala ġiet f'idejn il-konvenut, jekk hux bi żball ġenwin jew b'qerq, il-fatt jibqa' li kellha tkun f'idejn l-Avukat Borg Cole u mhux f'idejn il-konvenut, li għalhekk ma kienx imissu nqeda biha meta sabha jew ħadha f'idejh. Tassew illi l-konvenut jiċħad il-ftehim li dwarhu xehed l-Avukat Borg Cole – illi l-kambjala kellha tinżamm f'idejn l-avukat sakemm jidhirlu hu, u li l-avukat qatt ma deherlu li kellu jitlaqha – iżda fiċ-ċirkostanzi l-qorti temmen il-verżjoni mogħtija mill-avukat.

"25. Għalhekk kien kontra l-ftehim illi l-konvenut ifittex li jsarraf il-kambjala, u l-proċeduri li għamel biex jikseb titolu esekuttiv ukoll saru bi ksur tal-ftehim u ma għandhomx jitħallew fis-seħħ.

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

> "… … … tilqa' dan l-umli appell u thassar, tirrevoka u tikkancella is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-hamsa (5) ta' Gunju 2009 fl-ismijiet Edward Pavia v. Austin Camilleri (Citazzzjoni Numru 24/2006 GCD) kif ukoll thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru 2010 fl-ismijiet Edward Pavia v. Austin Camilleri (Citazzjoni Numru 24/2006 GCD), billi tichad it-talbiet attrici previa li tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati minnu, bl-ispejjez tal-istanzi kollha kontra l-attur appellat."

Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

> "… … … tichad l-appell ipprezentat mill-konvenut appellanti u konsegwentament tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi b'din il-kawza l-attur qed jittanta jattakka, u jitlob it-thassir, ta' kambjala li l-konvenut irrenda esekuttiva bil-procedura taht l-Artikolu 253(e) tal-imsemmi Kap. 12, u tal-mandat ta' qbid li ottjena wara l-akkwist ta' dak it-titolu ezekuttiv. L-attur jghid li l-kambjala giet rilaxxata bhala garanzija wara ftehim li wassal

ghal trasferiment ta’ ishma fis-socjeta` GC&A Co. Ltd. mill-konvenut lill-attur. Peress li l-kumpanija GC&A Co. Ltd. kellha hafna dejn, u seta’ kien li l-konvenut kien responsabbli personalment ghal xi djun ta’ GC&A Co. Ltd., l-attur irrilaxxja kambjala ghas-somma ta’ Lm30,000 favur il-konvenut, li kellha tintuza biss f’kaz li s-socjeta` ma thallasx id-djun, u l-kredituri jduru fuq il-konvenut personalment. Fil-fatt, il-kredituri qatt ma daru fuq il-konvenut, pero`, dan xorta wahda irrenda esekuttiva l-istess kambjala “*b’ingann u bi vjolenza, u ghalhekk bi ksur tal-ligi*”.

Il-konvenut ikkontesta t-talba attrici b’diversi eccezzjonijiet, uhud minnhom ta’ natura preliminari, li kollha gew michuda mill-ewwel Qorti li sabet li l-konvenut verament inqeda bil-kambjala kontra l-ftehim bejn il-partijiet. Il-konvenut appella miz-zewg sentenzi li tat l-ewwel Qorti u ressaq sitt aggravji li se jigu trattati fl-istess ordni li fiha gew sollevati.

L-ewwel aggravju jirrigwarda c-cahda mill-ewwel Qorti tal-eccezzjoni ta’ dezerzjoni bazata fuq l-Artikoli 963 et seqq tal-imsemmi Kap. 12. Skont il-provvedimenti tal-ligi, il-procedura bil-miktub f’kull kawza quddiem qorti tal-ewwel grad trid tinghalaq fiz-zmien perentorju ta’ sitt xhur mill-prezentata tar-rikors guramentat. Fil-kaz ta’ llum, ir-rikors guramentat kien prezentat fl-10 ta’ Jannar, 2006, gie notifikat lill-konvenut fis-6 ta’ Awwissu 2008, li ressaq ir-risposta tieghu fl-20 ta’ Awwissu, 2008. Ghalkemm il-procedura bil-miktub ma

kenitx giet maghluqa fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar tal-prezentata tar-rikors guramentat, l-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni a bazi ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 963(3) tal-istess Kap. 12, applikabbli ghall-kaz, li jiddisponi li f'kaz li l-procedura bil-miktub ma tinghalaqx fiz-zmien li trid il-ligi, il-qorti "*ghandha*" taghti dawk l-ordnijiet xierqa sabiex l-istess proceduri jinghalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jigi evitat illi l-kawza tmur dezerta. L-ewwel Qorti qalet illi billi l-ordnijiet li kellha taghti l-qorti skont dan l-artikolu ma nghatawx, il-kawza ma tistax titqies dezerta.

Il-konvenut ressaq diversi argumenti kontra din id-decizjoni tal-ewwel Qorti, li din il-Qorti, pero`, ma taqbilx maghhom. Din il-Qorti, fil-kawza "**Distinct Conversions Ltd. v. Fasanelli**" deciza fil-31 ta' Jannar, 2003, kienet ghamlet analizi tal-kuncett ta' dezerzjoni fil-kuntest tal-artikoli tal-ligi rilevanti. Din il-Qorti, b'approvazzjoni ta' dak li kien gie deciz mill-ewwel Qorti, issottolinejat li gej fuq il-materja:

> "... l-istitut tad-dezerzjoni huwa mahsub biex jippenalizza lil dak l-attur (jew appellant) li ma jkunx qieghed imexxi bil-ghaqal il-procedura mibdija minnu, izda mhux mahsub la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntament tal-kawzi u lanqas biex isawwat lill-attur (jew appellant, skond il-kaz) minhabba htigijiet amministrattivi tal-Qorti (ara decizjoni fl-ismijiet Azzopardi - vs – Aquilina et tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Novembru 1999). Issa, fil-qaghda procedurali li tapplika bhalissa, peress li citazzjoni ma tistax tigi notifikata lill-imharrek qabel ma tkun inharget b'ordni mill-Qorti, l-attur ma jistax jigi kkastigat ghaz-zmien li jkun ghadda bejn meta jkun ressaq l-Att tac-Citazzjoni u meta dan ikun inhareg b'ordni tal-Qorti u jkun iffissat il-jum ta' l-ewwel smiegh (ara decizjoni Elmo Insurance Services Ltd - vs – E. Pace et, Prim Awla, 14 ta' Lulju 2000)."

"Jidher li l-gurisprudenza taghna mxiet fid-direzzjoni li l-waqt li wiehed ghandu jqis b'applikazzjoni ghaz-zmien imsemmi fl-art. 963(1) tal-Kap. 12 huwa dak iz-zmien ta' meta l-Qorti tohrog l-ordni li bih il-kawza tinghata jum ghall-ewwel smiegh u jinhareg l-avviz ta' dik id-data (ara Dr. K.F. Dingli noe - vs – Dr. R. Porsella Flores noe et, Prim' Awla, 16 ta' Frar 2001).

"Ghandu jinghad li s'hawn anke l-partijiet kontendanti bejniethom qeghdin jaqblu. Fejn invece ma jaqblux gej mill-fatt li skond il-parti appellata, l-appellanti ma wrietx ghaqal bizzejjed biex tadempixxi dak kollu li hemm rikjest minnha fil-ligi tal-procedura, filwaqt li skond l-appellanti hija mhux biss ghamlet dak kollu possibbli biex tinnotifika tempestivatment lill-konvenuti, imma fuq kollox, is-subartikolu (5) tal-artikolu 963, kif ukoll l-artikoli 964(1) sa 967 tal-Kap. 12 jipprovdu espressament dimensjoni ohra u usa dwar it-terminu ta' sitt xhur u kif ghandu jitqies ghall-fini ta' dezerzjoni. F'kazi simili ghal taghha, issostni s-socjeta` appellanti, tali kawza (skond 963(5) tal-Kap. 12) ghandha titqies bhala kawza li tkun tqeghdet fuq il-lista ta' kawzi ghas-smiegh u li in segwitu, b'ordni tal-Qorti, tkun thalliet *sine die*, u f'dan il-kaz ghandhom japplikaw ghaliha d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 964 sa 967 tal-Kap. 12. Ghas-socjeta` appellanti ghalhekk dak kollu li hemm stipulat fil-ligi fir-rigward ta' kawzi li jkunu marru sine die ghandu mutatis mutandis jghodd u japplika bl-istess mod ghall-kaz tieghu. Gie rilevat ukoll li l-legislatur ghazel li ma jaghmilx distinzjoni bejn kawzi li jitqiesu li marru *sine die* ghax ma nghalqux il-proceduri bil-miktub fiz-zmien stipulat u dawk il-kawzi li jkun gew differiti *sine die* b'digriet tal-Qorti. U fejn il-legislatur ma ddistingwix, ma huwiex lecitu li tiddistingwi l-Qorti. Din il-posizzjoni giet imtennija anke qabel ma giet moghtija s-sentenza mill-Qorti ta' l-ewwel grad. Fi kliem iehor, dejjem skond l-appellanti, din il-kawza messha giet ippubblikata mal-kawzi l-ohra li marru sine die, u li kellha titqies biss li marret dezerta kif hemm imnizzel fl-artiklu 965.

"Din il-Qorti taqbel ma' l-appellanti f'dan ir-rigward. Infatti, f'sentenza li nghatat illum stess fl-ismijiet "Id-Direttur tal-Kuntratti v. Cleanwell Services Ltd." jinghad hekk:

> "Ghalhekk l-espressjoni "ghandha titqies" fl-Artikolu 963(5)(a) ma tistax tinghata interpretazzjoni aktar wiesa' minn dik moghtija mill-legislatur. Kawza quddiem qorti ta' l-ewwel grad li l-proceduri bil-miktub ma jigux maghluqa fiz-zmien perentorju msemmi fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 963, bhala x'hiex "ghandha titqies"? Ir-risposta hija cara: ghandha titqies bhala (**i**) kawza li tkun tqeghdet fuq il-lista' ta' kawzi ghas smigh, u (**ii**) bhala kawza li tkun, b'ordni

> tal-Qorti, thalliet *sine die*. Sa hawnhekk biss twassal l-espressjoni *"shall…be demmed to be"*. Dak li qed tippretendi l-appellanti huwa li tali kawza "ghanda titqies" ukoll li tqeghdet fuq il-lista msemmija fl-Artikolu 964(1). Tali interpretazzjoni, fil-fehma tal-Qorti, ma hix gustifikata. Il-legislatur kjarament ried li jkun hemm il-pubblicita` tal-lista msemmija fis-subartikoli (1), (2) u (3) ta' l-Artikolu 964 (bil-"pubblikazzjoni" ta' l-istess lista) qabel ma jkun hemm is-sanzjoni tad-dezerzjoni. Huwa veru li fil-prattika jista' jkun hemm certu diffikultajiet ghar-registratur sabiex isegwi l-kawzi kollha; pero` fil-verita` anqas kien obbligat li jsegwi il-kawzi, bhal dik in dizamina, bil-mod kif qed tippretendi s-socjeta` appellanti. Dak li kellu jsir f'din il-kawza kien li, jekk il-Prim Awla ma rieditx thalli l-kawza *sine die* kif appena ntebhet bit-trapass tas-sitt xhur, ghall-anqas tigbed l-attenzjoni tar-registratur ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 963(5)(a) imsemmi, u r-registratur kien ikun, f'dak il-kaz, obbligat li jimxi skond il-ligi (billi jsemmi l-kawza fil-"Lista tal-kawzi sospizi fil-Qorti…")".

> "Peress li f'din il-kawza, allura, ma saritx il-pubblikazzjoni mehtiega skond l-Artikolu 964(1) tal-Kap. 12, ma jistax jinghad li l-kawza marret dezerta."

Bl-emendi li saru fil-ligi relattiva bl-Att XXXI tal-2002, senjament fl-Artikolu 964(1) tal-Kap. 12, mhux mehtieg aktar li tigi ppubblikata lista bil-kawzi differiti sine die, izda gie introdott is-sub-artikolu 3 ghall-Artikolu 963 li jghid li l-qorti "*ghandha*" taghti direttivi biex tipprova tevita d-dezerzjoni tal-kawzi. Dan is-sub-artikolu l-gdid gie interpretat minn din il-Qorti fil-kawza **Borg v. Cassar**, deciza fit-30 ta' Novembru, 2007, fejn saru s-segwenti osservazzjonijiet:

> "***5.*** *Din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellanti ghandha ragun. Ma hemmx dubju li f'dan il-kaz kien hemm element ta' traskuragni da parti tal-appellanti (u dan ser jigi rifless fil-kap tal-ispejjez); ma hemmx dubju wkoll li l-procedura bil-miktub, ghall-finijiet tal-Artikoli 154 u 158 tal-Kap. 12, kellha tinghalaq "fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur" (Artikolu 963(1)), perjodu li, skond gurisprudenza stabbilita, jibda jiddekorri mhux mill-prezentata tac-citazzjoni izda minn meta l-Qorti tohrog l-ordni li bih il-kawza tinghata jum ghall-ewwel smigh u jinhareg l-avviz ta' dik id-data (ara, inter alia,* ***Distinct Conversions Limited v. Joseph u Agnes Fasanelli*** [7] *(fil-kaz odjern, ghalhekk, mid-19 ta' Awissu 2003). Iz-zmien ta' sitt xhur, ghalhekk, kien jaghlaq fl-**20 ta' Frar 2004**.*

[7] Ara nota *in calce* nru. 1.

*Wara li kien ghalaq dan iz-zmien ta' sitt xhur l-ewwel Qorti f'dan il-kaz ma pprocedietx skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 963 – il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Gunju 2004, bit-theddida ta' kancellament, ma kienitx marbuta ma' zmien perentorju addizzjonali ta' xahar ghall-gheluq tal-procedura bil-miktub izda mal-fatt li kellu jsir "tentattiv ta' notifika". Fl-ewwel udjenza minnufih wara dik tal-20 ta' Frar 2004 – u cioe` dik tat-18 ta' Marzu 2004 – l-ewwel Qorti iddifferiet il-kawza ghat-2 ta' Gunju (u, fl-udjenza tat-2 ta' Gunju, regghet iddifferietha ghas-16 ta' Novembru). Ghalhekk anke jekk wara l-20 ta' Frar 2004 il-kawza kellha, bl-operat kongunt tal-Artikoli 963(5)(a) u 964(1), titqies bhala kawza li giet differita sine die jew li giet sospiza, id-differiment moghti fit-18 ta' Marzu 2004 ghat-2 ta' Gunju 2004 jammonta in effetti ghal riappuntament ghal din l-ahhar data, riappuntament maghmul minn dik il-Qorti motu proprio kif jipprevedi s-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 964. Kif jirrizulta minn qari akkurat tas-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Jannar 2003 fl-ismijiet* ***Id-Direttur tal-Kuntratti v. Cleanwell Services Ltd****, l-Artikolu 963(5)(a) meta abbinat ma' l-Artikolu 964(1) ghandu jinghata interpretazzjoni restrittiva. Huwa minnu li f'dik is-sentenza l-Artikolu 964(1) kien differenti minn kif inhu llum u kif applikabbli ghall-kaz odjern – kif rajna fl-1 ta' Dicembru 2003 dahlet fis-sehh disposizzjoni gdida in sostituzzjoni ghal dik precedenti li kien hemm – izda dan ma jnaqqas xejn mill-forza ta' l-argument li fejn hu possibbli u fejn il-ligi tippermetti, l-atti ghandhom jigu salvati. Anzi wiehed jista' jargumenta li aktar jaghmel sens li l-atti jigu salvati meta si tratta ta' deserzjoni f'qorti ta' l-ewwel grad, peress li b'tali deserzjoni l-procediment jispicca izda ma jispiccax il-jedd ghall-azzjoni (Art. 963(6)), b'mod ghalhekk li d-deserzjoni hija biss mezz ta' dilazzjoni. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax in-necessita` li jigu mistharrga l-aggravji l-ohra ta' l-appellanti.*"

Isegwi, la darba anke f'din il-kawza l-Qorti "*ma pprocedietx skont is-subartikolu (3) tal-Artikolu 963*", il-kawza ma tistax titqies dezerta. L-appellant jghid li, b'din l-interpretazzjoni, kawzi ma jistghu qatt jaqghu dezerti jekk mhux in segwitu li l-qorti tkun tat dawk l-ordnijiet kif kontemplat fid-disposizzjoni in dizamina. Din il-Qorti tghid li, fil-fatt, hekk hu.

L-ewwel Qorti f'din il-kawza, setghet tat l-ordnijiet opportuni fis-seduta tas-26 ta' Novembru, 2008, izda ma tathomx peress li, sa dak inhar, il-konvenut kien notifikat. Interpretazzjoni mod iehor ikun ifisser illi min jiftah kawza jew iniedi appell, jekk il-parti l-ohra ma tkunx notifikata, ma jkunx jaqbillu li jaghmel tentattivi ohra ghan-notifika fil-frattemp sal-ewwel appuntament, ghax jista' jkun li n-notifika ssir wara s-sitt xhur/sena li trid il-ligi, u l-kawza tieghu titqies xorta wahda dezerta. Ikun jaqbillu ma jaghmel xejn sa ma jkollu l-ordnijiet mill-qorti ai termini tal-Artikolu 963(3), li jfisser hela ta' zmien li zgur mhux l-iskop tal-ligi.

L-ewwel aggravju tal-konvenut hu, ghalhekk, michud.

Fit-tieni aggravju tieghu, il-konvenut appellant jilmenta mic-cahda tal-eccezzjoni tieghu fuq l-irritwalita` ta' din il-procedura. Hu jsostni li l-azzjoni hija rritwali u nulla ghax kellha tigi intavolata skont id-dispost tal-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Il-proviso tal-Artikolu 253(e) huwa mezz kif debitur ta' obbligazzjoni fuq kambjala jkun jista' jissospendi l-esegwibilita` tal-istess kambjala, izda mhux mezz kif jigi attakkat "*is-siwi tal-kambjala innifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stharrig jidher li jmissu jsir f'kawza li titressaq specifikatament ghal dan il-ghan*" – ara **Gaffarena Holdings Ltd. v. Seaborg Co. Ltd.** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Frar, 2008. F'dan il-kaz, l-attur mhux qed ifittex

biex jimpunja l-esegwibbilita` tal-kambjala, izda qed jitlob decizjoni finali dwar jekk il-kambjala tiswiex bhala titolu ezekuttiv. L-allegazzjoni tal-attur hija li l-kambjala hija soggetta ghal kundizzjoni sospensiva, li jfisser li skont l-Artikolu 1063 tal-Kodici Civili, dik l-obbligazzjoni "*ma tezistix qabel ma l-grajja tigri*"; skont l-attur, l-obbligazzjoni li assuma bil-kambjala, almenu sallum, "*ma tezistix*" u dan l-istharrig fuq il-meritu ta' kwistjoni ma jistax isir fl-ambitu tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12.

Il-proviso tal-Artikolu 253(e) ma jeskludix r-rimedju l-iehor illi parti jirrikorri ghall-gurisdizzjoni residwa tal-qrati taghna bl-istituzzjoni ta' kawza ad hoc sabiex jigi investigat u mistharreg in-negozju bejn il-kontendenti, kif gara, per ezempju, fil-kawza **Bajada v. Castillo** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Lulju, 2009. Kambjala hi titolu ezekuttiv, u hu fil-konfront ta' dak it-titolu li l-attur qed jindirizza l-azzjoni tieghu.

It-tieni aggravju tal-konvenut hu, ghalhekk, michud.

It-tielet aggravju tal-konvenut appellant hu relatat mal-eccezzjoni tieghu ta' res iudicata, u jaghmel referenza ghas-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' April, 2006, fil-kawza fl-ismijiet inversi ghal din. Dik pero` kienet kawza taht l-Artikolu 283A tal-Kap. 12, (illum l-Artikolu 281) limitata ghal

thassir ta’ mandat ezekuttiv. Skont il-gurisprudenza, talba a bazi ta’ dak l-artikolu hija marbuta ma’ nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, u “*ma kienetx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta’ kontestazzjoni li huma marbuta mal-meritu nnifsu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun imharreg*” – **Pace v. Sultana**, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Mejju, 2005. Taht l-Artikolu 283A, il-procedura ssir kontra att ezekuttiv, li ma ghandha ebda rilevanza ghal kawza, bhal din tallum, li ssir kontra t-titolu ezekuttiv. Il-meritu ta’ dawn il-proceduri baqa’ impregudikat b’dik is-sentenza. Ma hemm ebda decizjoni fuq il-vera kontroversja ta’ din il-kawza, u din il-kwistjoni ma hijiex prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija f’gudizzju. Kif intqal mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Borg v. Willoughby** deciza fit-28 ta’ Marzu, 2003, biex ikun hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat hemm bzonn li l-kwistjoni “*tkun giet effettivament deciza bis-sentenza ta’ qabel*”, haga li f’dan il-kaz ma sehhx.

Dan it-tielet aggravju tal-konvenut hu, ghalhekk, ukoll michud.

Bir-raba’ aggravju tieghu, il-konvenut jghid li l-ewwel Qorti marret *ultra pertita* u *extra petita* mit-talbiet dedotti fir-rikors promotur. Biex tirnexxi tali eccezzjoni jehtieg li tigi sostitwita ghall-azzjoni jew ghad-domanda avvanzata mill-attur azzjoni jew domanda ohra li invece ma gietx proposta, jew meta d-decizjoni

tmur aktar 'l hemm mid-domanda jew azzjoni avvanzata (ara **Galea v. Bonnici**, deciza minn din il-Qorti fis-6 ta' Novembru, 1961).

F'din il-kawza, l-attur ibbaza l-azzjoni tieghu fuq l-allegazzjoni ta' ftehim li l-kambjala kellha tintuza biss f'kaz li kredituri ta' GC&A co Ltd. iduru fuq il-konvenut personalment, u la dan qatt ma sar, dak li ghamel il-konvenut sehh b'ingann u bi ksur tal-ligi.  Hu dan li sabet l-ewwel Qorti.  Qalet li l-konvenut inqeda bil-kambjala in kwistjoni kontra l-ftehim ta' bejn il-partijiet, u li ghalhekk kiseb titolu ezekuttiv bis-sahha ta' dik il-kambjala bi ksur tal-ftehim, u pprocediet biex tilqa' t-talbiet tal-attur.  Din il-Qorti ma tirriavviza xejn irregolari f'dak li ddecidiet l-ewwel Qorti.

Dan ir-raba' aggravju tal-konvenut hu michud.

Bil-hames aggravju tieghu, il-konvenut appellant jissottometti li l-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza fuq premessi, kawzali u ragunijiet illi jezorbitaw mill-parametri tal-azzjoni attrici.  Din il-Qorti wkoll ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni.  Hu minnu li l-kawzali f'kawza ma tistax tigi mibdula u li mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fir-rikors promotorju, izda f'din il-kawza l-ewwel Qorti mxiet strettament mal-premessi tal-azzjoni attrici.  L-attur jallega li l-kambjala giet f'idejn u intuzat mill-konvenut

b’ingann, u hekk gie deciz mill-ewwel Qorti. Dwar il-mod kif il-kambjala giet fil-pussess tal-konvenut appellant mhux daqshekk rilevanti; l-importanti hu li, ghalkemm mar-rilaxx tal-kambjala din tqeghdet fil-pussess ta’ terz (l-avukat Dr. Siegfried Borg Cole), eventwalment, bi ksur tal-ftehim bejn il-partijiet, din giet f’idejn il-konvenut. Huwa dan il-fatt u l-uzu li ghamel il-konvenut bil-kambjala li l-attur attakka u li l-ewwel Qorti ccensurat. Dak li hu rilevanti ghall-kawza huma l-premessi tal-kawza marbuta mal-hrug ta’ kambjala sotto kondizzjoni u l-allegat uzu li ghamel minnha l-konvenut meta l-kondizzjoni kienet ghadha ma sehhitx. Hija a bazi ta’ dawn il-premessi li l-kawza giet deciza mill-ewwel Qorti.

Il-hames aggravju hu michud.

Bis-sitt u l-ahhar aggravju tal-konvenut, dan tal-ahhar attakka l-meritu tal-azzjoni. Il-konvenut jghid li hu kellu jsarraf il-kambjala ghax l-attur ma wettaqx dak li obbliga ruhu li jaghmel, u cioe`, li jara kif jirranga mal-familja Bezzina, kreditrici ghal Lm26,000 tal-kumpanija GC&A Co. Ltd. Dan id-dejn kien kopert b’ipoteka generali kontra l-konvenut personalment, u l-konvenut ried jassigura ruhu li hu ma jigix involut personalment f’dan id-dejn. Din il-Qorti tara, pero`, li fil-fatt qatt ma sar attentat mill-familja Bezzina biex tithallas ghall-kreditu taghha kontra l-konvenut personalment. Fil-fatt, Dr. Borg Cole xehed li hu qatt ma ried jirrilaxxja l-kambjala lill-konvenut, peress illi dak li riedu jikkawtelaw

kontrih qatt ma sehh u allura "*lil Austin Camilleri it-Lm30,000 zgur ma kienux dovuti.*" Sfortunatament, l-avukat Borg Cole, bi zvista, halla f'idejn il-konvenut l-original tal-kambjala flok kopja kif kellu jaghmel u l-konvenut ghalhekk seta' jagixxi ghall-ezekuzzjoni taghha. Hu veru li l-konvenut jaghti interpretazzjoni ohra lill-ftehim, pero`, l-ewwel Qorti dehrilha li kellha taghti affidament lix-xhieda tal-Avukat Borg Cole, u din il-Qorti ma tarax li ghandha fuqhiex twarrab dan l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti.

Il-kambjala in kwistjoni kellha certi kondizzjonijiet marbuta mal-ezekuzzjoni taghha. Kif jinghad fil-ktieb ta' Lowe ("Commercial Law", 5th Ediz. pagna 297), il-kambjala nnifisha ma tistax tkun ikkondizzjonata, pero`, ikompli jghid li "*It is important to remember that an order which is initially unconditional remains a valid bill even though it is conditionally delivered, or conditionally accepted or conditionally indorsed.*" Il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Muscat v. Micallef** deciza fit-13 ta' Lulju, 1990, (sentenza li giet ikkonfermata minn din il-Qorti fit-18 ta' Jannar, 1993) osservat li l-pattijiet fil-ftehim bejn il-partijiet jibqghu jolqtu l-kambjala sakemm din ghadha ma gietx girata:

> "Issa, huwa veru li in principju l-kambjala tassumi karattru u negozju guridiku indipendenti ill-obbligazzjoni originali li tkun tat lok ghall-hrug taghha. Pero` f'dan il-kaz l-istess kambjala kienet parti integrali mill-ftehim kollu inkorporat fl-iskrittura tal-5 ta' Mejju, 1989, u ma tistax tipprexxindi mill-fatt li ma dahlitx fis-sehh dwar l-esigibilita` taghha qabel it-28 ta' Dicembru, 1989, ghaliex kienet ukoll soggetta ghall-kondizjoni suspensiva hawn fuq imsemmija."
>
> (Sottolinear ta' din il-Qorti).

Hekk ukoll il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Pullicino v. Camilleri**, deciza fil-31 ta’ Lulju, 2003, qalet li fil-kuntest ta’ kambjala mhux girata, ikun validu li jigi diskuss ftehim milhuq bejn il-partijiet li bih immodifikaw l-obbligazzjoni li tohrog mill-kambjala, liema ftehim jista’ jwassal ghal nuqqas ta’ kreditu favur l-allegat kreditur (ara wkoll **Medairco Ltd. v. Ack Ltd. et.**, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civli fis-6 ta’ Gunju, 2002).

Il-kundizzjoni, f’dan il-kaz, kienet torbot mal-ezistenza nnifisha tal-kambjala u kien biss jekk issehh li jkun jista’ jinghad li l-konvenut isir “kreditur” tal-obbligazzjoni. Dak ma’ x’hiex kien marbut ir-rilaxx tal-kambjala ma sehhx u ghalhekk il-kambjala mhux biss ma kellhiex tittiehed mill-pussess tal-avukat Borg Cole izda lanqas kellha tigi utilizzata peress illi l-konvenut ma libisx il-libsa ta’ kreditur.

Bhala rifless fuq dan, il-Qorti tirreferi ghall-kaz **Gatt noe v. Galea**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta’ Marzu, 1976, fejn fil-kaz fejn ma sehhitx kundizzjoni marbuta mal-kambjala (li jsiru certu xoghlijiet strutturali fil-fond tal-konvenut, li baqghu ma sarux), gie deciz li “*ma kien hemm ebda obbligazzjoni kambjara*”, u rrifjutat li taghti effett lill-istess.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut billi tichad l-istess u tikkonferma in toto z-zewg sentenzi appellati, bl-ispejjez kollha jkunu a karigu tal-konvenut appellant Austin Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------